## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 206/2019: **BERTRAM PACE (KI. 512184M) V. JONATHAN VELLA (KI. 257688M) EŻERĊENTI L-KUMMERĊ BL-ISEM "WILLIAM TRANSPORT" U B'DIGRIET TAS-26 TA' NOVEMBRU 2019 ĠIE KJAMAT IN KAWŻA MASSIMO MAMO (KI. 526178M)**

(L-EĊĊEZZJONI TAL-LEĠITTIMU KONTRADITTUR)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**7 ta' April 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Bertram Pace (imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2019[1] quddiem din il-Qorti diversement presjeduta li permezz tiegħu talab lil Jonathan Vella eżerċenti l-kummerċ bl-isem "William Transport" (imsejjaħ "l-intimat") sabiex jidher quddiem il-Qorti fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid l-għaliex m'għandux ikun ikkundannat li:

> **"jħallas is-somma ta' ħamest elef sitt mija u erba' u sittin euro (€5,664) inkluż il-VAT liema somma tirrappreżenta prezz ta' xogħol ta' bini li l-attur wettaq fil-maħżen "William Transport" fi Triq l-Għaqdiet tal-Ħaddiema, Paola u dan kif ċertifikat mill-perit Roderick Spiteri skond ċertifikat li kopja tiegħu tinsab annessa u mmarkata "Dok A".**
>
> **Bl-imgħax u bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment kontra l-konvenut, minn issa nġunt għas-subizzjoni."**

wara li rat ir-risposta tal-intimat ppreżentata fit-22 ta' Ottubru 2019[2] li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

---

[1] Fol 1-2.
[2] Fol 7-8.

**"I. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont m'huwa dovut mill-eccipjenti lir-rikorrenti u b'hekk it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.**

**II. Illi l-eccipjenti m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u huwa qatt ma ingaggjah sabiex jghamillu xoghol ta' bini izda kien certu Massimo Mamo (K.I. 526178M) illi ingaggja lir-rikorrent Bertram Pace bhala l-persuna li kellha ssewwi l-hsarat u x-xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti fil-fond tal-intimat mill-istess Massimo Mamo, u dan biex fuq inkarigu tieghu jsewwi l-hsarat u nuqqasijiet fl-esekuzzjoni tax-xoghol minnu maghmul fil-binja tal-intimat, liema hsarat saru unikament tort tieghu.**

**III. Illi dan kollu jirrizulta minn "Dok. A" fil-process ezebit mir-rikorrenti stess fejn il-Perit Roderick Spiteri ddikjara u kkonferma illi l-kuntrattur mqabbad mill-eccipjenti biex jaghmel ix-xogholijiet in kwistjoni kien l-imsemmi Massimo Mamo (K.I. 526178M) illi da parti tieghu wara li rrizulta illi ma kienx ghamel ix-xoghol skond is-sengha u l-arti qabbad lir-rikorrenti Bertram Pace biex jaghmel ix-xoghlijiet rimedjali - "the contractor assigned Mr. Bertram Pace to repair the works done at the back area of the yard by the previous builder ... "**

**IV. Illi l-appaltatur Massimo Mamo huwa responsabbli ghall-esekuzzjoni ta' xoghol skond is-sengha u l-arti fil-binja tal-intimat u ghalhekk kull persuna li huwa talvolta qabbad biex jsewwi l-hsarat tieghu m'ghandhomx jkunu a karigu tal-intimat imma tal-istess Massimo Mamo li qabbdu.**

**V. Illi l-intimat mhux tenut biex jhallas xoghol doppju meta dan ma sarx skond is-sengha u l-arti u bi htija tal-istess Massimo Mamo.**

**VI. Illi Bertram Pace ghandu jithallas minn min qabbdu ossia Massimo Mamo u mhux mill-intimat li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.**

**VII. Illi l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII p III p883).**

**VIII. Illi b'hekk kwalsiasi talba ghall-hlas jekk dan huwa dovut ghandha tkun diretta kontra Massimo Mamo u f'dan is-sens l-eccipjenti ser jitlob minn issa l-kjamat fil-kawza tal-imsemmi Massimo Mamo (K.I. 526178M) ta' 'Teasel', Triq Dun Karm Psaila, Haz-Zebbug (Malta).**

**IX. Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez."**

wara li rat li l-kawża ġiet trasferita b'ordni tal-STO Prim Imħallef b'effett mit-2 ta' Jannar 2020 minn din il-Qorti diversement presjeduta (Maġistrat Simone Grech) lil din il-Qorti diversement presjeduta (Maġistrat Charmaine Galea),

wara li rat li din il-Qorti diversement presjeduta ordnat l-kjamat in kawża ta' Massimo Mamo (hawn imsejjaħ "il-kjamat in kawża") fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2019[3],

wara li rat ir-risposta tal-kjamat in kawża ppreżentata fl-20 ta' Jannar 2020[4] li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

> **"1. Illi l-esponenti mhuwiex il-legittimu kuntradittur u l-kjamata in kawza tieghu saret inutilment, u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez, stante li huwa sempliciment irrakkomanda lil Bertram Pace biex jaghmel ix-xoghol fil-fond mertu tal-kawza, u kien dejjem l-intimat Jonathan Vella li tkellem mal-attur Bertram Pace u sahansitra ftiehem mieghu li ser ihallsu, u dan kif ser jigi pprovat ahjar fil-mori tal-kawza;**
>
> **2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccezzjonijiet tal-intimat huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez, filwaqt li t-talbiet tal-attur Bertram Pace jimmeritaw li jigu milqugha limitatament fil-konfront tal-intimat Jonathan Vella;**
>
> **3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**
>
> **Bl-ispejjez."**

wara li rat li fl-atti tal-kawża Rik. Nru. 205/2019 VGA fl-ismijiet *"Massimo Mamo v. Jonathan Vella"* ppreżentata fl-20 ta' Settembru 2019 (hawn imsejjħa "il-kawża l-oħra"), permezz tad-digriet mogħti fit-2 ta' Frar 2020[5] il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent, mhux opposta mill-intimat u mill-kjamat in kawża, magħmula permezz ta' rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2020[6], sabiex din il-kawża tissejjaħ sabiex tinstema' mal-kawża odjerna minn din il-Qorti kif presjeduta,

wara li rat li sussegwentement fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020[7] il-Qorti bagħtet l-atti lir-Reġistratur sabiex jiġu assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta,

wara li rat li fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2020 l-avukati rispettivi ddikjaraw li kienu qed jaqblu illi l-provi kollha li tressqu u li kienu għad irid jitressqu f'din il-kawża jkunu japplikaw ukoll għall-kawża l-oħra u vice-versa[8],

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li qrat in-noti ta' sottomissjonijiet finali ppreżentati:

- għan-nom tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Marycien Vassallo[9]

---

[3] Fol 12.
[4] Fol 15.
[5] Fol 24 fil-kawża l-oħra.
[6] Fol 23 fil-kawża l-oħra.
[7] Fol 19.
[8] Fol 23.

- għan-nom tal-intimat, mill-Avukat Dr. Chantal Bezzina[10],

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Provi

1. Fl-14 ta' Novembru 2022 ġie ppreżentat l-affidavit tar-rikorrent **Bertram Pace**[11]. Dan qal *inter alia* s-segwenti:

   i. Pace qal li jaħdem fil-qasam tal-kostruzzjoni u li sal-aħħar tas-sena 2018 kien jaħdem għal rasu. Mill-2019, beda jaħdem bi sħab ma' terza persuna.

   ii. Huwa sar jaf lil Massimo Mamo (il-kjamat in kawża) madwar sentejn u nofs jew tliet snin ilu meta kien qed jaħdem fuq biċċa xogħol f'Ħal Luqa.

   iii. Dwar ix-xogħol li wettaq għand Jonathan Vella (l-intimat), Pace iddikjara li l-kjamat in kawża kien ċempillu u qallu li kien irrakkomandah għal biċċa xogħol f'maħżen bl-isem William Transport fi Triq Wied Blandun, kantuniera ma' Triq il-Vittmi tax-Xogħol f'Raħal Ġdid, u staqsieh jekk kienx interessat jagħmel dan ix-xogħol. Wara li ftehmu, Pace mar jara l-maħżen flimkien mal-kjamat in kawża li qallu li l-maħżen kien ta' Jonathan Vella u li x-xogħol li kellu jsir kien jikkonsisti fil-qlugħ ta' filata biex jitbaxxa s-saqaf u jitbaxxew xi travi. Waqt li kienu fuq il-post, il-kjamat in kawża ċempel lill-intimat u qallu li r-rikorrent seta' jagħmel ix-xogħol u staqsieh meta seta' jibda. L-intimat wieġeb li seta' jibda f'Novembru 2018.

   iv. F'din it-telefonata, il-kjamat in kawża staqsa lill-intimat jekk il-kont tax-xogħol kienx ser jitħallas minnu, u l-intimat ikkonferma li kien huwa stess li kien ser iħallsu. Ir-rikorrent Pace kien jinsab qrib il-kjamat in kawża waqt din it-telefonata u għalhekk seta' jisma' dak kollu li kien qed jintqal, inkluż dak li qal l-intimat. Ftehmu li r-rikorrent kellu joħroġ stima u jippreżentaha lill-intimat, iżda minflok għaddieha lill-kjamat in kawża għax ma kellux in-numru tal-intimat. L-istima kienet ta' €3,300 eskluż il-VAT.

---

[9] Fol 91-92.
[10] Fol 94-106.
[11] Fol 53- 56.

v. L-intimat aċċetta l-istima u l-kjamat in kawża ħa ħsieb ilaqqagħhom. Iltaqgħu fil-maħżen u minn dak il-mument, ir-rikorrent beda jikkomunika biss u direttament mal-intimat. Il-kjamat in kawża ma baqax involut fil-kwistjoni, peress li l-uniku rwol tiegħu kien li jlaqqagħhom għal skopijiet ta' negozju.

vi. Ix-xogħol beda f'Novembru 2018 u spiċċa fl-istess xahar, fejn dam madwar ġimgħa u nofs. Lejn l-aħħar tax-xogħol, l-intimat ċempel lir-rikorrent u talbu biex jagħmillu biċċa xogħol oħra. F'din it-tieni biċċa xogħol, l-intimat xtaq li titneħħa filata tal-ġebel u ssir tal-konkos sabiex is-saqaf ikollu l-qlib.

vii. Ir-rikorrent ħareġ stima għal din it-tieni biċċa xogħol li kienet ta' €1,500 eskluż il-VAT. L-intimat aċċetta l-istima u Pace beda jagħmel it-tieni biċċa xogħol.

viii. Ftit jiem wara li temm it-tieni biċċa xogħol, ir-rikorrent ċempel lill-intimat biex iħallsu kemm għall-ewwel kif ukoll għat-tieni biċċa xogħol iżda dan wieġbu li hu ma kienx ser iħallas, peress li skontu l-kont kellu jitħallas mill-kjamat in kawża.

ix. Pace sar jaf bil-kwistjoni bejn l-intimat u l-kjamat in kawża wara li temm ix-xogħol kollu u l-intimat ma riedx iħallsu. Pace informa lill-intimat li l-ftehim kien sar miegħu u mhux mal-kjamat in kawża, peress li dan tal-aħħar kien biss dak li laqqagħhom. Wara l-laqgħa inizjali, filfatt ir-rikorrent Pace kien beda jieħu l-istruzzjonijiet biss mingħand l-intimat u l-perit tiegħu, Roderick Spiteri. Iż-żewġ stimi li ħareġ Pace ġew aċċettati mill-intimat u dan qatt ma qallu li l-ħlas tiegħu kellu jsir mill-kjamat in kawża. Li kieku l-intimat ma aċċettax dawn l-istimi, Pace ma kienx ser jibda x-xogħol.

x. Ix-xogħol li wettaq Pace ġie ċċertifikat mill-Perit Roderick Spiteri – il-perit maħtur mill-intimat - bħala xogħol ta' kwalità tajba.

xi. Peress li l-intimat baqa' ma ħallsux, Pace mar għand avukat, u fl-10 ta' Ġunju 2019 intbagħtet ittra legali lill-intimat (Dok. A) għall-ħlas. L-ammont dovut lil Pace mill-intimat għax-xogħol kollu li wettaq fil-maħżen tiegħu huwa dak ta' €5,664 inkluż il-VAT. Dan l-ammont għadu pendenti sal-lum.

2. Fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2023, ir-rikorrent **<u>Bertram Pace</u>** [12] xehed in kontro-eżami:

[12] Fol 151-152 tal-proċess tal-kawża l-oħra.

i. Mistoqsi x'kienu x-xogħolijiet li ġie mqabbad biex jagħmel fil-proġett in kwistjoni rrisponda li kellu jirranġa t-travi.

ii. Mistoqsi min kien spjegalu x'għandu jsir bħala xogħolijiet irrisponda li inizjalment kien il-kjamat in kawża imma imbagħad l-għada kien spjegalu ukoll l-intimat.

iii. Mistoqsi x'kien sab meta beda x-xogħol qal li t-travi ma kienux kif suppost għax ma kienux jaqilbu tajjeb minħabba l-ilma.

iv. Mistoqsi x'kien il-livell ta' xogħol li kien sab qal li ma jaħsibx li kien tajjeb la mar jirranġa hu.

v. Mistoqsi jekk kienx ġa miftiehem minn qabel x'xogħol kellu jsir mal-perit Spiteri rrisponda li l-ewwel qalulu b'nofs ix-xogħol li kellu jsir u l-intimat kien imbagħad avviċinah u qallu li kellu xi affarijiet oħra li xtaq li jsiru.

3. Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2021 ġie prodott jixhed l-intimat **<u>Jonathan Vella</u>** in eżami[13]:

i. Mistoqsi dwar in-natura tax-xogħol li hu qabbad lill-kjamat in kawża jagħmel, hu rrisponda li x-xogħol sar fil-garaxx ġewwa Raħal Ġdid u li talab lill-kjamat in kawża biex jagħmillu saqaf u dak kollu li jinvolvi miegħu biex jgħatti l-bitħa li kellu.

ii. Mistoqsi jgħid x'tip ta' xogħol, hu spjega li l-kjamat in kawża qallu li ħa jqiegħed it-travi, jinvella u jagħmel is-saqaf komplut.

iii. Qal li qabel ma beda x-xogħol il-kjamat in kawża kien talbu biex itellalu erba' (4) pilastri l-istess għoli tad-dawra. Kompla jispjega li l-kjamat in kawża ma kellux x' jaqsam mal-erba' (4) pilastri. Peress li l-garaxx ġej f'forma tal-ittra "L" u l-biċċa ta' ġewwa hija l-iktar biċċa wiesa', il-kjamat in kawża qallu li jridu jsiru l-pilastri biex meta jinvella t-travi jkollhom fejn jistrieħu, peress li kien hemm il-kobor. Il-kjamat in kawża kien immarkalu fejn kellhom isiru l-pilastri.

iv. Mistoqsi min għamel dan ix-xogħol tal-pilastri, qal li hu kien qabbad bennej imma ma kienx jaf x' jismu.

---

[13] Fol 34-40.

v. Stqarr li l-kjamat in kawża sadanittant kien laħaq bagħtlu l-prezz ta' xogħlu li kien dak ta' €31,200, u talbu deposit. Huwa aċċetta u tah d-deposit miftiehem ta' ħmistax-il elf (€15,000). Il-bqija tal-ħlas kellu jingħata mat-tlestija tax-xogħol.

vi. Il-kjamat in kawża beda jġib it-travi u s-sandwich panels. Avolja ma kienx qallu li jrid iħallsu għat-travi, biex ma joħrogx flus minn ġewwa l-kjamat in kawża kien talbu wkoll għaxart elef (€10,000) addizzjonali. Hu għalhekk tah dawn l-għaxart elef. Wara li ġab il-materjal il-kjamat in kawża beda jqiegħed it-travi u jagħmel ix-xogħol.

vii. Sadanittant hu kellu xi nies hemmhekk ikaħħlu l-fili, jiżbgħu u jagħmlu li kien hemm bżonn biex dan il-garaxx ossia l-istore jagħmlu tajjeb. Il-kjamat in kawża kien talbu biex jingaljawlu fejn jimmarka hu ġol-ħajt toqob biex ikun jista' jserraħ it-travi għal ġo fihom. Speċifika li l-kjamat in kawża immarka biss. It-toqob għamilhom il-kaħħal li ġab hu a spejjeż tiegħu. Meta t-travi kienu qegħdin il-garaxx hu ġab krejn biex jitqiegħdu t-travi bid-direzzjoni tal-kjamat in kawża għax hu ma jifhimx f'dan ix-xogħol. Qal li kieku kien jifhem kien jagħmlu hu x-xogħol.

viii. Kompla jispjega li l-kjamat in kawża kien ġie l-garaxx u kien hemm il-bennej u qallu li kellu bżonn erba' (4) pilastri li jistrieħu għax fejn kien qed isaqqaf kellu garaxx ieħor fil-livell ta' taħt li jistrieħu ħabba l-piż fuq il-pilastri ta' taħt li hemm preżenti. Il-ftehim kien li l-kjamat in kawża ried erba' (4) pilastri l-istess għoli tad-dawra preżenti, jiġifieri tal-ħajt li kien hemm dak iż-żmien.

ix. Mistoqsi kienx hemm xi xogħolijiet oħra għaddejjin biswitu, rrisponda li kien hemm il-post ta' maġenbu li kienu qegħdin isirulu xi xogħolijiet ta' kostruzzjoni.

x. Mistoqsi jekk tali xogħolijiet setgħux jeffettwaw ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel il-kjamat in kawża, wieġeb fin-negattiv u dan anke skont ma kien qallu l-perit tiegħu. Skont l-intimat, billi waqqgħu d-dar ta' maġenbu u reġgħu bnewha f'appartamenti ma jfissirx li kellu jkun hemm xi movimenti fis-saqaf. Ta' maġenbu kienu żammew id-distanza li kien hemm bżonn skont il-liġi u ma serrħux fuq il-ħajt tal-bini tiegħu.

xi. Spjega wkoll li t-toqob li talab il-kjamat in kawża nbiddlu wara li kienu diġa saru t-toqob u t-travu daħal ġot-toqob u strieħ mal-ħajt l-ieħor, u li nfatti kienu nbiddlu darbtejn, anke saħansitra tlett darbiet. Dan kien a spejjez tiegħu.

xii. Kompla jispjega li l-kjamat in kawża talab biex jagħmillu ngall fil-ħajt biex it-travu jistrieħ fuqu. Il-kjamat in kawża għamel il-marki, probabli nduna li l-invell ma sarx sew u min kien qed ikaħħallu dak iż-żmien mexxihom għal darbtejn jekk mhux tlett darbiet.

xiii. Waqt li kien qiegħed jiġi mistoqsi fuq il-perit tiegħu qal li l-perit tiegħu daħal għar-raġuni li s-saqaf li beda jagħmel il-kjamat in kawża minflok il-qlib kien qiegħed jagħti 'l barra l-qlib kien qed jagħti 'l ġewwa f'forma ta' banju. Peress li ma kienx konvint li x-xogħol kien qed isir sura, staqsa lill-perit tiegħu jiġi on site u jara x-xogħol. Ippreċiża li rigward is-saqaf ħalla kollox f'idejn il-kjamat in kawża u li l-perit tiegħu daħal wara li x-xogħol beda jidher viżwalment li ma kienx qiegħed isir kif suppost.

4. Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2023, l-intimat **<u>Jonathan Vella</u>** ppreżenta l-affidavit tiegħu[14]:

i. Hu qal li f'nofs is-sena 2017, kellem lil Massimo Mamo (il-kjamat in kawża) rigward il-bitħa tiegħu ġewwa Raħal Ġdid fejn qallu li ried isaqqafha sabiex jużaha bħala dry store. Il-kjamat in kawża issuġġerilu li jsaqqaf bis-sandwich panels u qallu li kien ser jagħmel struttura tal-ħadid. Talbu biex itella' pilastri fil-parti l-wiesa' tal-bitħa u biex dawn ikunu l-istess għoli tad-dawra tal-ħajt li kien hemm madwar il-bitħa.

ii. Permezz ta' WhatsApp il-kjamat in kawża kien ikkwotalu l-prezz ta' €31,200 li jkopri x-xogħol u l-materjal kollu u talbu depożitu ta' €15,000 li hu ħallas mal-ewwel.

iii. Hu u l-kjamat in kawża ftehmu li x-xogħol kellu jibda fil-bidu tal-2018 u li l-kjamat in kawża kien ser jidderiġi x-xogħol kollu hu.

iv. Il-kjamat in kawża kien talbu sabiex jgħid lil Imadeddin Hasan li kien qiegħed jagħmel xi xogħol ieħor għandu sabiex jagħmel it-toqob ġol-ħajt kif xtaqhom ir-rikorrent sabiex iserraħ it-travi fuqhom.

v. Sabiex ma joħroġx flus minn ġewwa, il-kjamat in kawża kien talbu jagħmel depożitu ieħor ta' €10,000 biex ikun jista' jkompli x-xogħol.

---

[14] Fol 64-106 tal-proċess tal-kawża l-oħra.

vi. Waqt li kien għaddej ix-xogħol hu sellef lill-kjamat in kawża forklifter minn tiegħu sabiex ikun jista' jċaqlaq it-travi kif ried hu. Wara li l-kjamat in kawża qallu li t-travi kienu lesti mar biex jara t-travi u nduna li ma kienux ġew dritti u li ma kienux invellati sew. Il-kjamat in kawża qallu li ma setax jagħmilhom aħjar minn hekk imma ssuġġerixxa li jirranġa l-invelli bl-injam. Stqarr li peress li l-lill-kjamat in kawża ġieli għamel xi xogħolijiet b'sandwich panels hu ħaseb li dan is-suġġeriment kien tajjeb u għalhekk ħalla f'idejh. Hu qatt ma kien ħadem b'dawn il-panels qabel u allura ma kienx jaf kif jaħdmu eżatt.

vii. Wara li l-kjamat in kawża reġa' qallu li x-xogħol kien miexi tajjeb u li kien kważi lest hu rega' mar jarah u nduna li x-xogħol xorta kien għadu mhux tajjeb. Għalhekk qabbad lill-perit Roderick Spiteri sabiex jiġi fuq il-post u jara x-xogħol kienx tajjeb. Il-perit ra x-xogħol u qallu li ma jistax jintuża injam bejn sandwich panels u travi tal-ħadid, u li l-qlib kien totalment ħażin.

viii. Iltaqgħu hu, il-perit Roderick Spiteri u l-kjamat in kawża fuq il-post. Il-perit issuġġerixxa lill-kjamat in kawża kif suppost kellu jsir ix-xogħol mill-bidu nett peress li l-kjamat in kawża ma kienx qabbad perit għax-xogħol. Il-perit qal lill-kjamat in kawża sabiex iġib bennej biex jitranġa l-qlieb kollu u jneħħi l-injam kollu li kien għamel.

ix. Peress li l-kjamat in kawża kien qallu li x-xogħol kien tlesta, kien inkariga lil xi ħaddiema jgħaddu l-wires u jqabbdu sistema tas-CCTV. Għalhekk kellu jerġa' jqabbad electrician u technician sabiex jaqilgħu dak li kienu ġa nstallaw.

x. Stqarr li kien kellmu Bertram Pace (ir-rikorrent) bi prezz tax-xogħol li kellu jagħmel biex jitranġaw l-iżbalji tal-kjamat in kawża. Hu qal lil Pace (ir-rikorrent) biex imexxi bix-xogħol li kienu ftehmu r-rikorrent u l-kjamat in kawża.

xi. Hekk kif ir-rikorrent lesta mix-xogħolijiet rimedjali, l-kjamat in kawża rabat il-pannelli u nfurmah li kien lest. Madankollu, wara jumejn għamlet ix-xita u beda jidhol ammont ta' ilma ġewwa l-maħżen minn diversi postijiet. Hu ċempel lill-kjamat in kawża li qallu li dan ma kienx jista' jkun. Il-kjamat in kawża mar fuq il-post wara ftit ġranet, ra l-ilma u nfurmah li kien ħa jagħmel xi tip ta' tape biex jiġi evitat l-ingress ta' ilma. Kif indikat fir-ritratt, dan it-tape li weħħel inqala. Il-kjamat in kawża ma riedx jerġa' jiġi biex isolvi l-problema għax qallu li ħela wisq ħin fuq il-proġett tiegħu.

xii. Fil-bidu ta' Diċembru 2019 kien għadu bl-istess problema, għamlet maltempata u bir-riħ għola s-saqaf u kisser il-ftit konkos li kien qiegħed iżomm it-travi f'posthom fuq il-pilastri li għamel ir-rikorrent.

xiii. Stqarr li qabbad kuntrattur biex jirranġalu l-ħsara[15] liema xogħol kien swielu €3,481.

xiv. Qabbad ukoll lil Custom Metal Fabrications biex torbotlu t-travi mal-pilastri ħalli ma jerġax jogħla s-saqaf, liema xogħol kien ġie jiswa €1,327.50[16]; lil Brian Waterproofing għal membrane biex jagħlaq ix-xquq ta' madwar is-saqaf, liema xogħol kien swieħ €3,780[17]; u lil KGB Turnkey biex jerġa jiksi l-garaxx minn ġewwa fejn kien ħadem Pace, liema xogħol kien ġie jiswa €4,425[18]. Dan ix-xogħol tal-aħħar kien sar għat-tieni darba.

xv. Hu għalhekk ikkuntesta l-ammont ta' €6,200 li talab mingħandu l-kjamat in kawża (qua rikorrent) fil-kawża l-oħra għax spiċċa jħallas ħafna iżjed f'tiswijiet u xogħol doppju, konsegwenza ta' xogħol mhux skont is-sengħa u l-arti min-naħa tal-kjamat in kawża. Stqarr li għadu ma jistax juża l-garaxx bħala dry store.

xvi. Fir-rigward tax-xogħol li għamillu r-rikorrent, sostna illi dan għandu jitħallas mill-kjamat in kawża Mamo għax kien hu li ma għamilx ix-xogħol sew u kif suppost mill-ewwel.

xvii. Hu kien ddeċieda biex jagħmel is-saqaf biex jintuża bħala dry store imma issa jista' jużah biss bħala parking għat-trakkijiet. Stqarr li qed jitlef mal-€21,000 fis-sena minħabba nuqqas ta' kirjiet u xogħolijiet li kieku jista' joffri lill-klijenti tiegħu.

5. Fl-istess seduta tas-16 ta' Jannar 2023, xehed l-intimat **Jonathan Vella** in kontro-eżami prodott mill-avukat tar-rikorrent Bertram Pace[19]:

i. Mistoqsi jekk fil-bidu l-appalt kienx qiegħed jiġi eżegwit minn Massimo Mamo, rrisponda fl-affermattiv.

[15] Skont l-invoice mmarkata Dok. B a fol 68 u l-irċevuta a fol 69 tal-proċess tal-kawża l-oħra.
[16] Skont l-invoice mmarkata Dok. Ċ a fol 70 tal-proċess tal-kawża l-oħra.
[17] Skont l-invoice mmarkata Dok. D a fol 71 u l-irċevuta a fol 72 tal-proċess tal-kawża l-oħra.
[18] Skont il-quotation mmarkata Dok. E a fol 73 u l-irċevuta a fol 74 tal-proċess tal-kawża l-oħra.
[19] Fol 57A-57D

ii. Mistoqsi jekk wara Massimo Mamo daħalx il-perit Roderick Spiteri, spjega li daħal il-perit għax qabbdu hu biex jara jekk ix-xogħol kienx ġej sew.

iii. Mistoqsi jekk Bertram Pace daħalx minn meta ġie l-perit 'l quddiem, irrisponda fl-affermattiv, u li daħal biex jinvella t-travi biex jiġu kif suppost għan-nuqqas li kien għamel il-kjamat in kawża.

iv. Mistoqsi jekk il-kjamat in kawża baqax imur fuq il-post meta daħal Bertram Pace wieġeb illi kien ġie biex iħoll is-sandwich panels u jerġa' jorbothom.

v. Kompla jispjega li l-ewwel il-kjamat in kawża żarma s-sandwich panels biex ikun jista' jaħdem ir-rikorrent u jagħmel ix-xogħol li kienu ftehmu li kellu bżonn isir, u li wara li lesta r-rikorrent ġie l-kjamat in kawża biex jerġa' jorbothom.

vi. Mistoqsi jekk ir-rikorrent kienx jieħu l-istruzzjonijiet mingħandu u mingħand il-perit Roderick Spiteri wieġeb illi mingħandu qatt ma kien ħa l-ebda tip ta' struzzjonijiet.

vii. Mistoqsi jekk il-livelli tal-qlib tat-travi kienux ingħataw lir-rikorrent mill-perit Spiteri qal li ma kienx jaf iwieġeb.

viii. Mistoqsi jekk l-invelli ħariġx bihom il-perit wieġeb illi l-perit ma tax struzzjonijiet kif iridu jaħdmu għax kollox kien f'idejn il-kjamat in kawża, u li kien il-kjamat in kawża li qal lir-rikorrent x'irid jagħmel minħabba invelli.

ix. Mistoqsi jekk kienux tkellmu bejniethom il-perit u r-rikorrent rrisponda li ma kienx ċert.

6. Fis-seduta tas-17 ta' April 2023, reġa' xehed l-intimat **<u>Jonathan Vella</u>** in kontro-eżami u dan fuq mistoqsijiet kemm tal-avukat tal-kjamat in kawża u kemm tal-avukat tar-rikorrent[20]:

i. Hu kkonferma li l-kjamat in kawża kien issuġġerixxa li jsaqqaf bis-sandwich panels u li kien talbu jtella' erba' (4) pilastri l-istess għoli tad-dawra tal-garage. Il-kjamat in kawża kien kompla fuq ix-xogħol.

[20] Fol 114-143 tal-proċess tal-kawża l-oħra.

ii. Qal li ma kienx involva lill-perit Roderick Spiteri għax il-kjamat in kawża xtaq jieħu ħsieb kollox hu. Dan il-perit ma ndaħal fl-ebda mod għax il-kjamat in kawża ried jieħu l-inkarigu kollu f'idejh. Żied li x'ħin kien qed jinduna li ma kienx qed isir tajjeb ix-xogħol ħa parir mingħand il-perit tiegħu.

iii. Mistoqsi fiex daħal ir-rikorrent Bertram Pace, qal li meta ltaqaw hu, il-kjamat in kawża u l-perit tiegħu fuq il-post, il-perit kien qal li l-injam li tqiegħdu bejn is-sandwich panels u t-travi ma setgħux jintużaw fl-istrutturi bħal dawk in kwistjoni. Kien anke ssuġġerixxa biex il-kjamat in kawża jinvella t-travi biex ikun hemm biżżejjed qlib. Il-kjamat in kawża kien issuġġerixxa lir-rikorrent għal dan ix-xogħol.

iv. Speċifika li r-rikorrent kien ġie inkarigat għax ix-xogħol sar ħażin mal-ewwel. Li kieku x-xogħol sar tajjeb, kieku r-rikorrent ma kellux għalfejn jiġi. Ir-rikorrent kien bagħat il-prezz ta' kemm kellu jiġi x-xogħol lill-kjamat in kawża, imbagħad lilu.

v. Mistoqsi minn din il-Qorti jekk il-prezz kienx intbagħat lilu bil-ħsieb li kellu jħallsu hu lir-rikorrent, irrisponda li suppost dak il-prezz tar-rikorrent kellu jitnaqqas mill-kont finali. Żied li hu fehem li lir-rikorrent kien qabbdu l-kjamat in kawża biex jirranġa l-iżbalji tiegħu. Hu seta' jħallsu hu lir-rikorrent imma l-ammont li ntalab iħallsu kellu imbagħad jitnaqqas mill-ammont finali li kellu jagħti lill-kjamat in kawża la x-xogħol ma sarx tajjeb mill-kjamat in kawża.

vi. Mistoqsi min kien ħall is-saqaf biex jitwaħħlu l-water gutters, qal li kien il-kjamat in kawża li ħall is-saqaf u dan biex Daniel Micallef ikun jista' iwaħħal il-water gutters.

vii. Mistoqsi jekk huwiex qed juża l-garaxx rrisponda fl-affermattiv, u li għalissa qed jipparkja trakkijiet u jqiegħed affarijiet temporanjament. Pero' l-garaxx kien ried jużah bħala dry store. Mistoqsi x'ried jagħmel fil-garaxx bħala dry store rrisponda li xtaq jużah għall-ħażna ta' għamara u affarijiet tal-klijenti tiegħu, affarijiet li ma jistgħux jixxarbu. Ammetta li qiegħed juża parti żgħira biss bħala dry store. Għalkemm il-garaxx qiegħed jintuża, stqarr li fin-nofs, fuq wara u fil-ġnubijiet ma jista' jagħmel xejn, u għalkemm ma kienx qed jużah daqs kemm xtaq.

viii. Mistoqsi jekk kellux iċ-ċertezza li lir-rikorrent ma kellux jħallsu hu rrisponda li hu lest jħallsu imma imbagħad il-kont tiegħu kellu jitnaqqas minn dak finali.

ix. Mistoqsi jekk il-garaxx kienx ilu mibni ħamsin sena irrisponda fl-affermattiv.

x. Mistoqsi jekk kellux saqaf il-garaxx irrisponda fin-negattiv, u li dan kien bitħa.

xi. Mistoqsi jekk riedx soluzzjoni rħisa għall-garaxx irrisponda li ried soluzzjoni iżda mhux soluzzjoni rħisa kif kien ġie allegat.

xii. Mistoqsi għala ma użax konkos jew planki rrisponda li l-konkos tużah biex tibni fuqu, u li hu ma kellux għalfejn jagħmel konkos jew planki għax ma riedx jibni fuqu.

xiii. Mistoqsi jekk kienx kuntent bl-għażla ta' sandwich panels irrisponda fl-affermattiv.

xiv. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-kjamat in kawża ma kienx kuntent, irrisponda fl-affermattiv u żied li l-kjamat in kawża kien serraħlu rasu li għamel ħafna soqof bħal tiegħu u għalhekk ħalla f'idejh.

xv. Mistoqsi dwar il-materjal tas-sandwich panels qal illi l-kjamat in kawża kien xtara l-materjal kollu hu, u li hu ma jafx minn fejn tixtri l-materjal. Il-kjamat in kawża kien qallu li se jużа truss imbagħad uża travi minflok, u li kien ser isaqqaf bis-sandwich panels imbagħad jagħmel il-gutters. Il-perit tiegħu ma kienx involvih biex jara jekk il-prodotti li kien qed jirrakomanda l-kjamat in kawża kienux suffiċjenti, u ħalla kollox f'idejn il-kjamat in kawża.

xvi. Mistoqsi jekk is-saqaf huwiex jaqdi dak li suppost għandu jagħmel irrisponda fin-negattiv.

xvii. Mistoqsi jekk jifhimx fil-kostruzzjoni rrisponda fin-negattiv.

xviii. Mistoqsi jekk hu kienx afda fil-kjamat in kawża irrisponda fl-affermattiv. Meta kien bil-ħsieb li jsaqqaf il-garaxx kien saqsa lill-kjamat in kawża jagħmilx ix-xogħol u rrispondih fl-affermattiv u li kemm-il darba saqqaf bis-sandwich panels.

7. Fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2020, il-kjamat in kawża **Massimo Mamo** ppreżenta l-affidavit tiegħu[21] fejn fost affarijiet oħra qal is-segwenti:

[21] Fol 26-31.

i. Huwa qal li jiġġestixxi negozju ta' ħadid bl-isem "Massimo Mamo Metal Works" u jaħdem fi kwalunkwe ħaġa li għandha x'taqsam mal-ħadid.

ii. Qal li fl-2017 kien kellmu Jonathan Vella, l-intimat, li kellu bżonn xogħol ta' ħadid ġewwa bitħa "William Transport" ġewwa Triq Wied Blandun, Raħal Ġdid. Ġewwa din il-bitħa, l-intimat ried li jaqlibha għal maħżen u kien talab lill-kjamat in kawża sabiex jagħmillu xogħol tal-ħadid fiha u ċioe is-saqaf, it-travi u sandwich panels.

iii. Ippreċiża li hu kien avża mal-ewwel lill-intimat li ma kienx ser ikollu x'jaqsam ma' xogħol ta' kostruzzjoni u xogħol ieħor, u li għalhekk l-intimat kellu jfittex ħaddiema għal dan il-għan huwa stess.

iv. Meta waslu għal ftehim huwa għadda kwotazzjoni għax-xogħol lill-intimat permezz ta' messaġġi telefoniċi kif jidher mid-dokument anness mal-affidavit Dok. MMl. L-intimat qatt ma kien oġġezzjona għall-istima li tah, filfatt kien tah depożitu ta' € 15,000 akkont tal-prezz tal-istess xogħol.

v. Ix-xogħol beda fil-bidu tat-2018. Kien mar jixtri t-travi li kien ser ipoġġi fil-bitħa. Meta t-travi kienu fuq is-sit, l-intimat laqqgħu ma' bniedem barrani, li kien magħruf mill-kjamat in kawża bħala Eman, kunjomu mhux magħruf, li ġie inkarigat biex jagħmel il-bejtiet tat-travi. Dan ix-xogħol kellu jsir skont is-sengħa u l-arti u minn xi ħadd li jifhem f'dan ix-xogħol sabiex hu jpoġġi t-travi invell u s-sandwich panels kif miftiehem mal-kjamat in kawża. Ir-riżultat tax-xogħol tiegħu kien jiddependi mill-mod kif kien ser jaħdem dan Eman. Hu stqarr li ma jafx xi kwalifiki kellu dan Eman, iżda dejjem għamel dak li ddireġieħ biex jagħmel l-intimat.

vi. F'April 2018 waqt li kien għadu għaddej ix-xogħol, l-intimat ċempillu u qallu li t-travi ma kienux qegħdin dritti u invell. Hu offra li jsolvi din il-problema li nħolqot minħabba x-xogħol li kien għamel il-bennej. Żied li dak iż-żmien kien beda jagħmel xi xogħol ta' kostruzzjoni il-ġar tal-intimat u b'riżultat ta' dan bdew joħorġu xi konsenturi fil-binja tal-intimat, kif jidher mir-ritratti annessi bhala Dok. MM3. Qal li ovvjament dan kien ser jaffettwa x-xogħol tiegħu iżda li hu ma kienx jaħti għal dan.

vii. Qal li kien offra żewġ soluzzjonijiet lill-intimat spejjeż għalih: jerġa' jġib il-crane biex jaqilgħu t-travi u jiġi ħaddiem sabiex jirranġa t-toqob u jinvellahom, jew inkella jagħmillu l-injam bejn it-travi u s-sandwich panels biex jagħmillu l-

invelli. L-intimat xtaq li jmorru għall-għażla li kienet l-irħas, li f'dan il-każ kienet l-injam bejn it-travi u s-sandwich panels. Ippreċiża li kien avża lill-intimat li l-ewwel għażla kienet aktar ideali u skont is-sengħa. Madankollu, l-intimat baqa' jinsisti li jmorru għall-irħas għażla u għalhekk hu segwa dak li xtaq l-intimat ġjaladarba kien il-klijent tiegħu.

viii. F'dan l-istadju l-intimat ġab lill-perit tiegħu fuq is-sit li kien qallu li l-injam ma kienx qiegħed tajjeb. Kien għalhekk li ltaqgħu fuq is-sit hu, l-perit u l-intimat, fejn spjega lill-perit li hu dejjem kien mexa fuq dak li qallu biex jagħmel l-intimat. Spjega li s-soluzzjoni ideali sabiex jitranġa dan kollu kienet li jiġi ħaddiem biex jirranġa t-toqob u jinvellahom. Fl-istess laqgħa l-intimat kien staqsieh biex jissuġġerixxi bennej sabiex jagħmel dan ix-xogħol rimedjali.

ix. Jgħid li hu tkellem ma' Bertram Pace (ir-rikorrent) u l-istess rikorrent kien tah stima u hu għaddieha lill-intimat li kien qallu biex jgħid lir-rikorrent biex imexxi għaliex dan kien xogħol mgħaġġel, kif jidher mill-messaġġi annessi bħala Dok. MM4. Hu avża lir-rikorrent u tah in-numru tal-intimat Vella biex jikkomunikaw flimkien. Jispeċifika li ma kellux x'jaqsam max-xogħol li kellu jagħmel ir-rikorrent jew ħlas li huwa kellu jieħu.

x. Jistqarr li xogħlu wara din il-biċċa xogħol kien lest, iżda l-perit tal-intimat kien issuġġerixxa li jagħmel anke xi gutters. Minkejja li dan ma kienx fil-qbil oriġinali hu qabel li jagħmel dan ix-xogħol. Meta kien qiegħed jagħmel dan ix-xogħol l-intimat kien qallu li huwa kien ser iħallsu ta' kollox ladarba jlesti mill-gutters, avolja dan ma kienx fil-qbil oriġinali tagħhom.

xi. Qal li wara li lesta xogħolu beda jipprova jiġbor il-ħlas iżda l-intimat qallu li ma riedx iħallsu, u ma jafx għal liema raġuni ma riedx jagħmel hekk. Għalhekk kellu jiftaħ kawża kontra l-intimat għall-ammonti dovuti lilu (mertu tal-kawża l-oħra fejn huwa jipparteċipa bħala rikorrent). Sar jaf ukoll li l-bennej li kien irrakkomanda lill-intimat (u ċioe r-rikorrent Pace) ukoll kellu xi problemi mal-intimat minħabba ħlas. Saħansitra dan l-intimat beda jipprova jdawwar kollox fuqu biex iħallas lir-rikorrent, meta l-intendiment kien dejjem li r-rikorrent kien ser jaħdem għall-intimat u ser jitħallas minnu.

8. Fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2023, xehed l-istess kjamat in kawża **<u>Massimo Mamo</u>**[22] in kontro-eżami. Fost affarijiet oħra qal is-segwenti:

[22] Fol 147-150 tal-proċess tal-kawża l-oħra.

i. Huwa qal li fil-passat kien għamel xogħol ta' ħadid lill-intimat ġewwa l-ħanut tiegħu f'San Ġwann.

ii. Spjega li kien iltaqa' mal-intimat fejn il-garaxijiet u l-intimat saqsieh jekk setax jagħmillu biċċa xogħol. Il-kjamat in kawża issuġġerilu li juża planki stante l-kobor tal-post iżda l-intimat qallu li planki kienu wisq għoljin. Saqsieh għall-pjanti tal-perit, u rrisponda li ser jibgħathomlu imma l-intimat baqa' ma bagħtomlu qatt u qatt ma rahom.

iii. Qabel beda x-xogħol talab lill-intimat biex itellalu l-pilastri u jagħmillu l-bejtiet ta' fejn kellhom jiġu t-travi.

iv. Mistoqsi jekk kienx ra dan ix-xogħol li sar minn terzi rrisponda li għalkemm rah hu ma għandux biex jinvella l-bejtiet. Għalhekk qabel ma poġġa x-xogħol tiegħu ma setax jinduna jekk ix-xogħol li sar minn ta' qablu kienx sar tajjeb. Meta poġġa t-travi, tefa l-invell fuq it-travi, u nduna li ma kienux qegħdin dritti u kif suppost. Għalhekk kien ċempel lill-intimat u dan qallu li ma kienx ser jerġa' jaqla' kollox. Meta saqsieh x'ser jagħmlu, l-intimat rrispondih li kellu jitfalu s-saqaf kif inhu u dan minkejja li l-kjamat in kawża kien avżah li ma kienx ser jiġi tajjeb. Imbagħad kien ċempillu l-intimat jgħidlu li żamm l-ilma.

v. Speċifika li għalkemm kien qal lill-intimat kif għandu jsir ix-xogħol ma setax jgħidlu fejn kellhom jiġu l-pilastri għax mhux is-sengħa tiegħu.

vi. Mistoqsi jekk kienx hu li ssuġġerixxa li x-xogħol isir bis-sandwich panels rrisponda li hu kien qal lill-intimat biex jaħdem bil-planki imma minħabba spejjeż l-intimat ried li jintużaw sandwich panels.

vii. Mistoqsi jekk l-intimat kienx avviċinah biex jagħmel xogħolijiet li l-intimat ma kienx kapaċi jagħmel irrisponda fl-affermattiv.

viii. Ippreċiża li hu kien ftiehem mal-intimat li se jpoġġilu travi fuq ix-xogħol li kellu jagħmel il-bennej u jpoġġilu s-sandwich panels fuq it-travi u jorbothom.

ix. Mistoqsi dwar il-ftehim ta' ħlas qal li l-intimat kellu jagħtih ħmistax il-elf bħala deposit, imma waqt l-andament tax-xogħol kien qallu li għandu l-materjal kollu hemm u biex iġib is-sandwich panels kellu bżonn għaxart' elef oħra. L-intimat kien qabel miegħu u tah dawn il-flus ukoll.

x. Mistoqsi jekk kienx jagħtih irċevuti rrisponda li ried jagħtih imma l-intimat ma riedx, u għalhekk tal-għaxart' elef ma kienx taħ irċevuta.

xi. Mistoqsi jekk kienx talab lill-intimat isib lil xi ħadd jagħmel numru ta' toqob fil-ħajt irrisponda fl-affermattiv, għall-bejtiet fejn se jserħu t-travi, għax hu ma setax jagħmel dak ix-xogħol għax mhuwiex bennej. Kien qallu li l-intimat ried jara fejn ħa jiġi jaqleb l-ilma, l-ewwel kienu ħa jagħmluh direzzjoni imbagħad l-intimat qallu li ħa jibnu ma' ġenbu u dawru d-direzzjoni. Qallu li t-toqob kellhom isiru ma' żewġ ħitan indikati minnu, imma qlieb u distanzi ma tahomlux hu. Qallu fejn iridu jiġu bħala ħitan. Lil min kien għamel it-toqob kien avżah li l-qlieb irid jiġi mal-faċċata.

xii. Mistoqsi jekk it-toqob sarux tajjeb irrisponda li ma kienx jista' jgħid jekk humiex tajbin. Hekk kif poġġa t-travi u s-saqaf induna li s-saqaf ma kienx qiegħed invell. Hu ma kellux biex jinvella f'dak it-tul. Għalhekk, kieku kellu biex jaħdem, kien jagħmilhom hu t-toqob, imma ma kellux biex jagħmel dak ix-xogħol.

xiii. Mistoqsi għala kompla bix-xogħol jekk it-toqob ma kienux tajbin irrisponda li hu ċempel lill-intimat u qallu li jridu jinqalaw għax ma kienux qegħdin tajbin, u dak qallu biex ipoġġilu s-saqaf xorta għax ried li jagħlaq malajr kemm jista' jkun. L-intimat saqsieh x'soluzzjoni oħra kien hemm, u l-kjamat in kawża qallu li l-unika soluzzjoni kienet li jpoġġu saqaf bejn is-saqaf u t-travu u jagħmlu l-injam ħalli jġibu l-qlib. L-intimat qabel ma' din is-soluzzjoni, u hu qallu li ser ikollu jżidlu l-flus tal-injam.

xiv. Mistoqsi fuq il-gutters qal li l-intimat kien qallu li biex jiffranka l-flus, jagħmel biċċa katusa u jirranġa hu għal gutters. Għalhekk ma kienx ikkwotalu prezz għalihom. Imbagħad l-intimat qallu li kien qabbad lil xi ħadd, ċertu Daniel, u ħallsu hu u l-kjamat in kawża ħallas l-ispejjeż tiegħu lill-intimat.

9. Fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2021 ġie prodott jixhed il-**Perit Roderick Spiteri** in eżami mill-avukat tal-kjamat in kawża Massimo Mamo[23]:

i. Mistoqsi jispjega x'kien l-involviment tiegħu fir-rigward tal-maħżen tar-Raħal Ġdid fuq Għajn Dwieli, qal li wara li kien avviċinah l-intimat kien għamillu l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jagħmel saqaf fuq il-yard eżistenti

[23] Fol 43a-43j .

li kellu. L-intimat talbu wkoll biex jagħmillu structural drawing biex ikun jista' isaqqaf dan il-yard. Din l-istructural drawing kienet tikkonsisti f'kolonni tal-konkos, travi tal-konkos u flanki, soqfa tal-flanki biex hu jkun jista` jġib il-quotations. L-intimat kien ġab il-quotations mingħand il-kuntratturi u wara ftit kien qallu li bil-konkos kien qed jarah li ġej għoli u li kien iddeċieda li jagħmel kollox light weight u li kien sab lil kuntrattur li ħa joħodlu ħsieb kollox hu min-naħa tiegħu.

ii. Qal li l-kjamat in kawża Mamo qal lill-intimat li kien ħa jqabbad il-perit tiegħu biex jiddiżinjalu stil truss biex isaqqaf il-yard. Il-Perit min-naħa tiegħu qal lill-intimat li ma jsibx problemi illi jitqabbad persuna illi hija iffukata fuq dan it-tip ta' dettall għaliex fil-każ tiegħu struttura fejn jidħol stil truss qatt ma kien ħadem.

iii. Wara xi żmien kien avviċinah l-intimat u qallu li fil-bitħa kien lestielu x-xogħol imma kien qed jidħollu l-ilma. Sa dak il-ħin hu kien għadu ma jafx li l-intimat kien beda x-xogħolijiet.

iv. Meta mar fuq il-post in kwistjoni sab li l-istruttura kienet lesta, imma minflok stil truss sab li kienu ntużaw it-travi. X'ħin ra t-travi ħares lejn il-kuntrattur ossia l-kjamat in kawża li kien fuq il-post u saqsieh min taħ it-travi. Il-kjamat in kawża kien irrisponda li hu qabbad lill-perit tiegħu, u hu reġa' saqsieh jekk kienx il-perit li taħ it-tip ta' travi li ntużaw. Il-kjamat in kawża kien irrisponda li l-perit tiegħu kien taħ it-travi.

v. Hu sab difetti fejn kien hemm is-sandwich panels illi kienu qegħdin *spent between steel beams* illi mbagħad fuqhom, b'sens ta' lapazz fl-opinjoni tiegħu, kien hemm l-injam bejn il-ħadid u s-sandwich panels biex l-kjamat in kawża jipprova jgħolli l-inklinar tas-sandwich panels.

vi. Spjega li meta jsir it-tip ta' xogħol bħal ma sab hu, għandek it-travu tal-ħadid, l-injam u s-sandwich panels illi qed jagħmlu *expansion* u *contraction*, kollha b'*co-officience* differenti u meta jagħmlu l-moviment joħolqu stresses fl-istruttura u jikkawżaw ġieli anke konsenturi minn fejn jista' jithol l-ilma. Infatti meta daħlu għand il-ġirien huma raw illi s-saqaf fin-nofs ma kienx inklinat imma kien qiegħed nieżel l-isfel. Ippreċiża li skontu s-saqaf ma ngħatax inklinatura biżżejjed u li l-injam ma kienx il-metodu tajjeb biex jikkoreġi l-iżball. Hu nnota difett ieħor li kien in-nuqqas ta' *water gutter,* għalhekk meta jkun hemm ammont kbir ta' ilma li nieżel awtomatikament bl-ispeed tiegħu jibda jċarċar

mal-ħajt. Kien tal-parir li jsir *water gutter* biex l-ilma li jkun nieżel jinġabar u jinżel b'mod ordinarju l-isfel minn fuq is-saqaf.

vii. Qal ukoll li x-xogħol sar mingħajr l-istruzzjonijiet u l-gwida tiegħu.

10. Fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2021 kompla jixhed il-**Perit Roderick Spiteri** in eżami prodott mill-avukat tal-kjamat in kawża Massimo Mamo.[24] u ppreżenta kopja tal-commencement notice bħala Dok. RSX li ġġib il-commencement date bħala l-20 ta' Marzu 2018. Bħala bennej fuq il-formola hu xehed li dan kien immarkat ċertu Jason Bonavia li ma kellux x'jaqsam max-xogħolijiet mertu tal-kawża odjerna.

11. Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, ġie ppreżentat l-affidavit ta' **John Frendo**[25] li pero' ma spjegax l-involviment tiegħu fil-każ. Dan stqarr li Imaddedin Hasan, li kien qed jaħdem fil-fond tal-intimat kellu bżonn xi għajnuna meta kien ikun fuq l-iscaffolding hu u jħaffer il-ħofor għat-travi. Il-kjamat in kawża kien jiġi fuq il-post diversi drabi biex jgħid lil Hasan fejn ried jagħmel it-toqob u kull darba li ġie kien qallu biex jibdel il-pożizzjoni tagħhom. Dan ma kienx għax Hasan kien qiegħed jagħmilhom ħżiena imma għax il-kjamat in kawża kien qiegħed ikejjel fuq għajnejh u kien sempliċiment juri lil Hasan b'idejh fejn kien irid it-toqob.

12. Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, ġie ppreżentat ukoll l-affidavit ta' **Imadeddin Salem Hassan**[26] u stqarr li meta beda x-xogħol biex jirranġa l-faċċata ta' No. 2, Triq l-Għaqdiet tal-Ħaddiema, Paola, l-intimat kien talbu jagħmel xi toqob ġol-ħajt biex jistrieħu xi travi fuqhom. Il-kjamat in kawża kien ġie fuq il-post u mmarka fejn ried it-toqob, pero' kien ġie xi tliet darbiet ibiddel fejn kellhom jiġu t-toqob, anke wara li kien diġa għamilhom u serraħ it-travi. Dan ma kienx għax kien għamel it-toqob ħżiena hu imma għax il-kjamat in kawża ma kienx ikejjel sew. L-intimat kien ħallsu għax-xogħol tiegħu.

13. Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, ġie ppreżentat ukoll l-affidavit ta' **Daniel Micallef**[27] fejn stqarr li hu s-sid ta' Custom Metal Fabrications, u li f'Diċembru 2019 kien kellmu l-intimat għax kellu s-saqaf ta' No.2, Triq l-Għaqdiet tal-Ħaddiema, Paola li kien għola bir-riħ. Hu inforzah permezz ta' angle bars u rabtu mal-kolonni eżistenti. L-intimat kien ħallsu €1,327.50 għax-xogħol.

---

[24] Fol 52-53 tal-proċess tal-kawża l-oħra.
[25] Fol 109 tal-proċess tal-kawża l-oħra.
[26] Fol 110 tal-proċess tal-kawża l-oħra.
[27] Fol 111 tal-proċess tal-kawża l-oħra.

14. Ġie ppreżentat ukoll l-affidavit ta' **Keith Balzan Gera**[28] permezz ta' nota fit-13 ta' April 2023 fejn stqarr li hu s-sid ta' KGB Turnkey. Bejn Novembru u Diċembru 2019 kien kellmu l-intimat fuq il-garaxx tiegħu f'Raħal Ġdid. Meta mar ra li kien hemm xogħol ta' kisi li kien ġie maqlugħ u li ma kienx tlesta. Hu għamel xogħol tul il-garaxx fejn kien ħadem ir-rikorrent, min-naħa ta' ġewwa. Kien ta l-kisi għat-tieni darba minħabba li r-rikorrent kien qala s-saqaf. Kesa wkoll l-ewwel żewġ filati ta' kull pilastru u ta r-resin membrane għax ix-xogħol ma kienx sar sew. F'April 2020 reġa' kellmu l-intimat wara li għola s-saqaf bil-maltemp u r-riħ. Fuq il-post sab li l-konkos li kien qed iżomm it-travu f'postu kien inkiser, u t-travi ma baqgħux siguri. Hu iġġakkja t-travi, reġa għamel is-shutter u ta l-konkos. Reġa' kesa u ta ż-żebgħa biex jirranġa x-xogħol li kien sar qablu.

15. Fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023, xehed **Keith Balzan Gera** in kontro-eżami[29]:

    i. Mistoqsi x'inhu xogħol KBG irrisponda li jagħmlu xogħol ta' turnkey, kostruzzjoni apparti l-finishes. Għandu wkoll ħaddiema bil-permess ta' bennej.

    ii. Mistoqsi kif kien jaf li r-rikorrent kien għamel xi xogħol qablu rrisponda li miegħu ma ltaqax għax hu daħal biex jirranġa l-iżbalji li għamel hu.

    iii. Mistoqsi jekk kienx l-intimat li qallu x'xogħol li kien għamel ir-rikorrent rrisponda fl-affermattiv.

    iv. Mistoqsi jekk għamilx testijiet fuq il-konkos biex jara l-grading irrisponda li testijiet ma għamilx pero' hekk kif ra x-xogħol induna li ma kienx sar skont is-sengħa. It-travi li kienu suppost il-bażi tas-saqaf ma kienux saru sew u kellhom jiġu nvellati qabel.

**Kunsiderazzjoni: ġenerali**

16. Fil-każ in eżami r-rikorrent qed jitlob il-ħlas ta' xogħol ta' bini li wettaq fil-maħżen tal-intimat. Id-difiża postulata mill-intimat fir-risposta tiegħu hi li l-ebda ammont m'hu dovut minnu lir-rikorrent għaliex hu m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika miegħu billi huwa qatt ma kien ingaġġjah biex jagħmillu xogħol ta' bini. Skont l-intimat kien Massimo Mamo, il-kjamat in kawża, illi ingaġġjah u kien għalhekk illi bħala parti mid-difiża tiegħu talab li jiġi kjamat fil-kawża l-istess Mamo. Dan tal-aħħar min-naħa tiegħu eċċepixxa illi hu m'huwiex il-legittimu kuntradittur, li l-

[28] Fol 112 tal-proċess tal-kawża l-oħra.
[29] Fol 144A-144B tal-proċess tal-kawża l-oħra.

kjamata in kawża tiegħu saret inutilment u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex skont hu, huwa sempliċiment irrakkomanda lir-rikorrent biex jagħmel ix-xogħol lill-intimat, u kien dejjem l-intimat li tkellem mar-rikorrent u ftiehem miegħu li ser iħallsu.

17. Huwa evidenti li r-rikorrent ġie mqabbad biex jeżegwixxi ftehim ta' appalt, regolat fil-liġi taħt l-Art. 1633 et. seq. tal-Kodiċi Ċivili, li permezz tiegħu r-rikorrent bħala appaltatur intrabat li jforni s-servizz ta' bini lill-appaltant:

> **'1633. Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal.'**

18. Għalkemm il-liġi ma titlobx li ftehim ta' appalt isir bil-miktub, din il-Qorti tqis li hu opportun li tirreferi għal dak li ingħad fis-sentenza **Vassallo Builders Group Limited v. John A. Said noe** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 5/10/2010 Ċit. Nru 2092/98 JRM) u ċioe illi:

> "Għalkemm min irid jagħmel l-affarijiet sewwa s-soltu jieħu ħsieb li jiżgura li l-appalt ikun mibni fuq ftehim miktub bid-dettalji kollha tax-xogħol li huwa meħtieġ li jsir u bir-rati miftehma, jiġri wkoll li drabi oħra l-ħatra ssir bil-fomm biss u din taf tħalli taħwid dwar in-natura vera tal-istess ħatra u tal-kundizzjonijiet li taħthom tkun magħmula, kif seħħ f'dan il-każ.".

19. Fil-każ in kwistjoni, għalkemm saret prestazzjoni min-naħa tar-rikorrent, u jidher mill-atti li mhuwiex kkontestat illi x-xogħol minnu magħmul sar skont is-sengħa u l-arti.[30], kemm l-intimat kif ukoll il-kjamat in kawża ressqu l-eċċezzjoni illi ma kienux huma li ingaġġjaw lir-rikorrent.

## Kunsiderazzjoni: l-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur

20. Stante li ma ġietx iffirmata xi skrittura bejn il-partijiet li tixħet dawl fuq min effettivament qabbad lir-rikorrent, il-Qorti ser tirrikorri għax-xhieda mogħtija mill-partijiet.

---

[30] Biex jingħad kollox, fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu u proprju fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar, l-intimat alluda għall-fatt illi skont hu *"l-istess xogħol (*i.e. ta' Bertram Pace) *xorta ma kienx sar sew, tant li l-esponenti kellhu jqabbad ħaddiema oħra u jidħol f'eluf oħra ta' spejjeż sabiex jirranġa dawn ix-xogħolijiet li ma sarux skont is-sengħa u l-arti, unikament tort ta' Massimo Mamo".* Madanakollu dan il-punt, ossia l-allegazzjoni illi b'mod separat ix-xogħol imwettaq ta' Bertram Pace ma kienx skont is-sengħa u l-arti bl-ebda mod ma ġie ppruvat (u lanqas allegat) fil-kors tal-kawża.

21. Ir-rikorrent fl-affidavit tiegħu speċifika illi l-kjamat in kawża kien ċempillu u qallu li kien irrakkommandah għal biċċa xogħol.[31] Meta ltaqa' mal-kjamat in kawża kien ħadu jara l-maħżen u qallu li kien tal-intimat Jonathan Vella. Il-kjamat in kawża ċempel lill-intimat quddiem ir-rikorrent u informah li r-rikorrent seta' jagħmel ix-xogħol, u staqsieħ meta jista' jibda. L-intimat irrispondih li seta' jibda f'Novembru 2018. Meta l-kjamat in kawża staqsa lill-intimat jekk il-kont tar-rikorrent kienx ser jitħallas mill-intimat, l-intimat irrispondih fl-affermattiv. Ir-rikorrent speċifika li hu jaf dawn il-fatti personalment għax waqt it-telefonata kien jinsab viċin il-kjamat in kawża u seta' jisma' dak li kien qiegħed jingħad bejn il-kjamat in kawża u l-intimat. Il-ftehim kien li l-istima għax-xogħol (jew aħjar l-ewwel biċċa tax-xogħol, ekwivalenti għal € 3,300 eskluż il-VAT) kien ser jgħaddiha lill-intimat, iżda minflok għaddieha lill-kjamat in kawża għax ma kellux in-numru tal-intimat. Skont ir-rikorrent l-intimat aċċetta l-istima u l-kjamat in kawża ħa ħsieb li jlaqqagħhom. Minn dakinhar ir-rikorrent beda jikkomunika biss u dirett mal-intimat, tant li wara li spiċċa x-xogħol li kien ġie oriġinarment inkarigat li jagħmel l-intimat kien ċempillu u talbu jagħmel biċċa xogħol oħra. Ħareġ stima għat-tieni biċċa xogħol (ekwivalenti għal € 1,500 eskluż il-VAT) li ġiet aċċettata mill-intimat u hu wettaq ix-xogħol. Meta ċempel lill-intimat biex jitħallas ta' xogħolu l-intimat qallu li ma kienx ser iħallsu għax il-kont tiegħu kellu jitħallas mill-kjamat in kawża. Ir-rikorrent qal li lill-intimat kien qallu li l-ftehim sar miegħu u mhux mal-kjamat in kawża, tant li wara li laqqagħhom hu kien jieħu struzzjonijiet mingħand l-intimat u l-perit tiegħu Roderick Spiteri.[32] Iż-żewġ stimi li ħareġ ġew aċċettati mill-intimat u qatt ma kien qallu qabel jew waqt li kien qed jippresta x-xogħol illi l-ħlas tiegħu kellu jsir mill-kjamat in kawża.

22. Min-naħa tiegħu, l-intimat fl-affidavit tiegħu qal li kien kellmu r-rikorrent biex jinfurmah bil-prezz tax-xogħol li kellu jagħmel biex jitranġaw l-iżbalji tal-kjamat in kawża.[33] Hu qal lir-rikorrent biex imexxi bix-xogħol li kienu ftehmu r-rikorrent u l-kjamat in kawża. Fir-rigward tax-xogħol li għamel ir-rikorrent, skontu dan għandu jitħallas mill-kjamat in kawża għax kien hu li ma għamilx ix-xogħol sew u kif suppost mill-ewwel.[34]

    In kontro-eżami meta kien mistoqsi jekk ir-rikorrent kienx jieħu l-istruzzjonijiet mingħandu u mingħand il-perit Roderick Spiteri wieġeb illi mingħandu qatt ma kien

---

[31] Fol 54.
[32] Fol. 55.
[33] Fol. 65 tal-proċess tal-kawża l-oħra.
[34] Fol. 66 tal-proċess tal-kawża l-oħra.

ħa l-ebda tip ta' struzzjonijiet.[35] Mistoqsi jekk il-kjamat in kawża kienx introduċih mar-rikorrent, wieġeb illi l-kjamat in kawża kien ġabu lill-istess rikorrent. Mistoqsi jekk ir-rikorrent kienx għamel ix-xogħol għalih, l-intimat wieġeb illi "li kieku xogħol sar sew, ma kienx jkollu bżonnu lil Bertram".[36] Mistoqsi min qabbad lir-rikorrent biex jagħmel ix-xogħol wieġeb illi l-kjamat in kawża kien qabbdu.[37]

Mistoqsi mill-Qorti jekk l-istima kienetx intbagħtet lilu mir-rikorrent bil-ħsieb li kellu jħallsu hu lir-rikorrent, irrisponda li suppost dak il-prezz kellu jitnaqqas mill-kont finali li kellu joħroġlu l-kjamat in kawża. Żied li hu fehem li lir-rikorrent kien qabbdu l-kjamat in kawża biex jirranġa l-iżbalji tiegħu stess. Iddikjara ukoll illi seta' jħallsu hu lir-rikorrent imma bil-kundizzjoni li l-ammont li ntalab iħallsu kellu imbagħad jitnaqqas mill-ammont finali li kellu jagħti lill-kjamat in kawża la x-xogħol ma sarx tajjeb mill-kjamat in kawża.[38]

Meta saret referenza mill-avukat tar-rikorrent għal messaġġi fuq il-WhatsApp skambjati bejn l-intimat u l-kjamat in kawża, liema messaġġi pero' għal xi raġuni ma ġewx ippreżentati, l-intimat ma nnegax illi lill-kjamat in kawża f'dawn il-messaġġi qallu li lir-rikorrent kien ser iħallsu hu[39]. Dawn il-messaġġi kienu jaqraw kif ġej:

> "hmistax ta` Novembru two thousand and eighteen ...
>
> Massimo Mamo: "ghax nibqa` nahseb jiena ghax ghidtli li l-bennej jien qabadtulek. Ghidtlek bih ghax int ghidtli li ma taf lil hadd. U ghalhekk x` hin ghidtli minhabba l-qebla tal-hajt tal-gemb, ghidtlek inti taf, u ghax int ha thallsu, issa int f` idejk
>
> Jonathan Vella: "Iva naf ... li jien se nhallsu Mass... Jien kulma ghidtlek li l-bennej gibtu inti. Bhal ma qalek il-perit ukoll, m` ghidtlek xejn hazin sa fejn naf jien Bob. Issa ma nafx forsi nftehmt hazin."

23. Il-kjamat in kawża fl-affidavit tiegħu qal li hu tkellem mar-rikorrent li hu bennej tas-sengħa u tal-fiduċja tiegħu. Ir-rikorrent kien tah stima u hu għaddieha lill-intimat li kien qallu biex jgħid lir-rikorrent biex imexxi għaliex dan kien xogħol mgħaġġel, kif jidher mill-messaġġi annessi bhala Dok. MM4[40]. Hu avża lir-rikorrent u tah in-numru tal-intimat biex jikkomunikaw flimkien. Jispeċifika li ma kellux x'jaqsam max-xogħol

[35] Fol. 57B.
[36] Fol. 119 tal-proċess tal-kawża l-oħra.
[37] Fol. 120 tal-proċess tal-kawża l-oħra.
[38] Fol. 121 u 134 tal-proċess tal-kawża l-oħra.
[39] Fol. 77-78
[40] Fol. 31.

li kellu jagħmel ir-rikorrent jew ħlas li huwa kellu jieħu. Fost dawn il-messaġġi hemm is-segwenti:

> "27 September 2018.
>
> (Massimo Mamo): Bongu.il benej 3300€ qali 09:08
> (Jonathan Vella): Ibatli il quote u ara meta ha tibda 10:11
> (Jonathan Vella): jonv55@hotmail.com 10:15"

24. Għalkemm sar aċċenn mir-rikorrent illi huwa kien qiegħed jieħu l-istruzzjonijiet mingħand il-perit tal-intimat, Roderick Spiteri, ma saru l-ebda mistoqsijiet lil Roderick Spiteri f'dan ir-rigward. Madankollu, jirriżulta mill-ittra datata 18 ta' Diċembru 2018 ippreżentata mir-rikorrent stess mar-rikors promotur bħala Dok. A[41] li l-perit kien kiteb illi r-rikorrent kien segwa l-istruzzjonijiet **tiegħu** u lesta x-xogħolijiet kif speċifikati tant illi ċċertifika li tali xogħolijiet ġew magħmula skont l-istruzzjonijiet tiegħu. Jirriżulta ukoll però mill-istess ittra illi **skont l-istess perit**, kien il-kuntrattur, ossia' il-kjamat in kawża Massimo Mamo li kien assenja x-xogħolijiet lir-rikorrent Pace.

25. Bla dubbju l-istennija tar-rikorrent illi jitħallas għal xogħol li ġie mwettaq minnu hija, fil-prinċipju, leġittima. L-istanza rikorrenti ssib ir-radiċi tagħha fil-massima "*omnia labor optat premium*" u ċioe li xogħol prestat għandu jiġi rikompensat ("*ogni fatica merita ricompensa*"), sakemm ma jirriżultax il-kuntrarju. Il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Lecocqassociate Limited v. Audentia Capital SICAV p.l.c.** (deċiża 29/03/2023 Rik. Nru 194/151/1) qalet is-segwenti dwar din it-tema:

> "Dan jinsab ribadit fil-ġurisprudenza tagħna meta ngħad li: "*kull xogħol għandu jiġi mħallas*" u li "*ma hemmx dubju li wieħed ma jistax jassumi l-attur irrinunzja għall-pagament*" (Vol. XXXVIII.pt.II.pg.568). Hekk ukoll, kif ingħad aktar recentement minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Marzu, 2010, fl-ismijiet **Nicky Saliba v. Kunsill Lokali tan-Nadur**: "*Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi omnia labor, optat premium.*" (Ara wkoll is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Nutar Dr. Remigio Zammit Pace v. Sunrise Park Hotels Ltd. (C 2587) u Paul Debono għal kull interess li jista' jkollu**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fl-20 ta' Novembru 2009.)".

---

[41] Fol. 2.

26. Kwindi, għalkemm ma kien hemm l-ebda ftehim formali dwar ix-xogħol magħmul mir-rikorrent u l-ħlas tiegħu, jibqa' veljanti l-prinċipju li min jaħdem ikun qiegħed jagħmel dan bil-fehma li ser jitħallas, fin-nuqqas ta' prova ċara li dak ix-xogħol kien qiegħed jitwettaq gratuwitament. Prova f'dan is-sens ma tressqitx mill-intimat u mill-kjamat in kawża proprju għaliex huwa ovvja illi t-tnejn jafu li r-rikorrent għandu jitħallas għal xogħlu, tant li t-tnejn jixħtu dan l-obbligu f'ħoġor xulxin.

27. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et</u>** (deċiża 3/10/2008 Ċit. Nru 1236/2007) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili spjegat illi:

> "Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."

28. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Simon Estates (Naxxar) Limited v. Daniel Farrugia</u>** (deċiża 25/11/2023 Rik. Nru 639/11/1) il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) ġabret fil-qosor uħud mill-prinċipji legali li jsawru l-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur:

> "Bħala daħla, għandu jingħad li l-għan ewlieni wara l-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur huwa li jiġi żgurat li kull att ġudizzjarju jitressaq kontra l-persuna t-tajba li jmissha twieġeb għall-pretensjonijiet tal-parti l-oħra, u dan għaliex fl-aħħar mill-aħħar il-liġi trid li kull deċiżjoni li tingħata mill-Qorti għandha torbot lil min messu jkun marbut u mhux lil min ma jkollu l-ebda rabta ma' dak il-fatt. Eċċezzjoni ta' din ix-xorta għandha però titressaq b'għaqal u dan għaliex kulma trid tagħmel il-parti attriċi sabiex twaqqa' eċċezzjoni ta' din l-għamla, huwa li tressaq provi sal-grad ta' mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), li l-parti mħarrka kienet materjalment parti fil-ġrajjiet li tkun qiegħda tgħid li ħolqu r-rabta ġuridika ta' bejniethom, u li twassal biex inħolqu r-rabtiet jew l-effetti fuq il-parti mħarrka li kellha twieġeb għalihom. Tabilħaqq, ġie mfisser minn din il-Qorti li *"kull ma jrid jiġi stabbilit fl-eżami ta' din l-eċċezzjoni huwa jekk il-konvenuti appellanti kinux materjalment (u mhux legalment) involuti f'dak li jingħad li seħħ fil-premessi tar-rikors promotur"*. L-ewwel pass li għandu jsir sabiex tiġi mistħarrġa eċċezzjoni ta' din ix-xorta huwa għalhekk li ssir referenza għar-rikors maħluf li bih titressaq il-kawża, u b'mod partikolari lejn il-premessi li jfissru l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, kif ukoll lejn it-talbiet li juru r-riżultat li l-parti attriċi tkun qiegħda tfittex li tikseb b'dik il-kawża;".

29. Hekk l-istess qalet dik il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Avv. Damien Degiorgio noe v. Express Logigroup Limited et.</u>** (Rik. Nru. 408/15/1MH, deċiża 21/01/2025):

> "Hi ġurisprudenza stabbilita illi biex wieħed jara jekk parti f'kawża hijiex jew le leġittimu kontradittur, jeħtieġ li l-Qorti tistħarreġ jekk, mad-daqqa t'għajn, il-persuna mħarrka kinitx materjalment parti fil-ġrajjiet jew uħud minnhom li jkunu ħolqu r-rabta ġuridika ta' bejniethom, u

li twassal biex inħolqu rabtiet jew effetti fuq il-parti mħarrka illi kellha twieġeb għalihom. Dan jgħodd kemm f'azzjonijiet imsejsa fuq rabtiet kuntrattwali; kif ukoll fuq dawk ta' indoli akwiljana."

30. Magħdud mas-suespost, il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Avukat Antoine Naudi noe v. John Abela Ltd** (deċiża 2/10/2009 Appell Ċivili Nru 483/2002/2) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ikkunsidrat is-segwenti:

> "Jibda biex jigi kkummentat in linea preliminari illi biex soggett imharrek jew imsejjah fil-gudizzju jitqies li hu legittimu kontradittur, l-ezercizzju fuq daqshekk jinnecessita accertament fuq il-bazi tal-*petitum*, ossija r-rizultat persegwit fil-gudizzju mill-attur. In partikulari, il-principju jinvolvi l-ezami tar-rapport guridiku dedott f'dan il-gudizzju.".

31. Fis-sentenza fl-ismijiet: **Grace Sacco v. Supretendent Mediku fl-Isptar Generali ta' Ghawdex et** (PA, 16/10/2007) ingħad illi:

> "sabiex tiġi milqugha din l-eċċezzjoni tal-konvenuti imsemmija, jehtieg li fl-ewwel lok jigi stabbilit fuq bazi ta' prima facie jekk il-persuna li giet imharrka kinitx materjalment involuta f'dak li minnu qeghda tilmenta s-Socjet Attrici, cioe' jekk bl-agir taghha nholqitx relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif gew proposti mis-socjeta attrici."

32. Fil-kawża *de quo* l-Qorti rat illi jkun għaqli illi tisma l-provi fil-mertu u tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari ta' nuqqas ta' leġittimu kuntradittur u nuqqas ta' relazzjoni ġuridika mas-sentenza finali. Dan ifisser ukoll illi l-Qorti kellha ċ-ċans tisma' l-provi sħaħ u fid-dettal dwar kif u bejn min oriġinat ir-relazzjoni ta' appaltant-appaltatur u għalhekk dak li seta' inizjalment u mad-daqqa t'għajn ifisser mod, issa jista' b'mod definittiv jitqies li jfisser mod ieħor.

33. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi dak illi jirriżulta mad-daqqa t'għajn, partikularment mill-ittra tal-Perit Roderick Spiteri (perit ingaġġat mill-intimat u li allura kien qed jaġixxi għan-nom tiegħu) esebita mar-rikors promotur, huwa illi l-kuntrattur kjamat in kawża Massimo Mamo kien involut materjalment fin-negozju tal-appalt li ta lok għar-relazzjoni ġuridika li minnha nibtet l-azzjoni tar-rikorrent. Wara kollox il-perit tal-intimat stess stqarr fl-ittra msemmija illi kien il-kuntrattur Mamo illi kien assenja x-xogħol ta' bini lir-rikorrent.

34. In sostenn ta' dak li ħareġ *prima facie* imbagħad irriżulta fid-dettal:

- illi kien il-kjamat in kawża li ċempel lir-rikorrent u kien hu li ltaqa' miegħu biex jiddiskutu l-problema bit-travi, u

- illi għalkemm il-kjamat in kawża ċempel lill-intimat biex isaqsih meta seta' jibda x-xogħolijiet ir-rikorrent, u wara din it-telefonata laqqgħa lir-rikorrent u lill-intimat, irriżulta b'mod ċar illi l-ewwel parti tal-prestazzjoni tar-rikorrent kellha ssir minħabba x-xogħol li sar min-naħa tal-kjamat in kawża. Ir-rikorrent in kontro-eżami qal illi x-xogħol li ġie mqabbad jagħmel kien li jirranġa t-travi.[42] Il-kjamat in kawża, min-naħa l-oħra, kien ġie inkarigat mill-intimat illi jagħmel xogħol tal-ħadid fil-bitħa tal-intimat u ċioe is-saqaf, it-travi u sandwich panels.[43] Għalkemm il-bejtiet tat-travi kienu ġew magħmula minn terza persuna, kien il-kjamat in kawża illi kien inkarigat illi jqiegħed it-travi, u dan ix-xogħol kellu jagħmlu skont is-sengħa u l-arti. Irriżulta, pero' illi t-travi ma ġewx imqiegħda dritti u nvell, u l-kjamat in kawża ssuġġerixxa li jqiegħed l-injam bejn is-sandwich panels u l-ħadid biex jipprova jġib il-qlib[44] - l-istess injam li l-perit Roderick Spiteri xehed li fl-opinjoni tiegħu tqiegħdu b'ċertu lapazz u li anzi iktar ikkumplikaw is-sitwazzjoni. Kien minħabba dan ix-xogħol ta' lapazz illi daħal fl-istorja r-rikorrent, u dana sabiex jaqla' filata biex jitbaxxa s-saqaf u jitbaxxew xi travi.

35. Madanakollu minkejja li inizjalment seta' jidher li kien hemm relazzjoni ġuridika bejn il-kjamat in kawża Mamo u r-rikorrent Pace, fis-sens illi l-appalt deher li kien ġie mogħti minn Mamo lil Pace, minn iktar provi li ħarġu rriżulta lill-Qorti illi fil-verita' l-kjamat in kawża ma kien xejn għajr il-persuna li laqqa' lir-rikorrent mal-intimat għall-prestazzjoni tal-ewwel biċċa xogħol u minkejja dak li qal il-perit tal-intimat, ma kienx il-kjamat in kawża illi kkommissjona x-xogħol lir-rikorrent. Imbagħad rigward il-prestazzjoni tat-tieni biċċa xogħol mir-rikorrent irriżulta illi l-kjamat in kawża assolutament ma kellu l-ebda involviment peress illi r-rikorrent ħa struzzjonijiet direttament mill-intimat.

36. Forsi l-iktar provi skjaċċanti dwar l-ewwel biċċa xogħol (ekwivalenti għal € 3.300 eskluż l-VAT) joħorġu mill-messaġġi skambjati bejn l-intimat u l-kjamat in kawża esebiti bħala Dok. MM4:

> "27 September 2018.
>
> (Massimo Mamo): Bongu.il benej 3300€ qali 09:08
> (Jonathan Vella): Ibatli il quote u ara meta ha tibda 10:11
> (Jonathan Vella): jonv55@hotmail.com 10:15"

---

[42] Fol 151 tal-proċess tal-kawża l-oħra.
[43] Fol. 26.
[44] Fol. 27, u fol. 149 tal-proċess tal-kawża l-oħra.

Minn dawn jirriżulta, minkejja dak li ingħad fix-xhieda tiegħu, illi l-intimat talab lill-kjamat in kawża jgħaddilu l-istima tar-rikorrent. Dan ifisser għal Qorti illi mill-bidu nett l-intimat **kien qed jagħraf li kellu jkun hu li jħallas** lir-rikorrent. Issa huwa minnu li fix-xhieda tiegħu l-istess intimat għal numru ta' drabi iddikjara illi huwa ma kellu l-ebda problema illi jħallas lir-rikorrent minn butu, però din id-dikjarazzjoni kkwalifikaha bil-kundizzjoni li l-ammont li jħallas lir-rikorrent jitnaqqas mill-ammont finali li kellu jagħti lill-kjamat in kawża għal xogħolu. Li jfisser dan għalhekk illi li qed jgħid ir-rikorrent huwa illi finalment għandu jkun il-kjamat in kawża li jħallas lir-rikorrent ta' xogħolu. Dan jikkuntrasta ma' dak li jirriżulta mill-messaġġi li ġew skambjati bejn il-partijiet inkluż il-messaġġ segwenti:

> "hmistax ta` Novembru two thousand and eighteen ...
>
> Massimo Mamo: "ghax nibqa` nahseb jiena ghax ghidtli li l-bennej jien qabadtulek. Ghidtlek bih ghax int ghidtli li ma taf lil hadd. U ghalhekk x` hin ghidtli minhabba l-qebla tal-hajt tal-gemb, ghidtlek inti taf, u ghax int ha thallsu, issa int f` idejk
>
> Jonathan Vella: "Iva naf ... **li jien se nhallsu Mass**... (emfasi u sottlinear miżjud) Jien kulma ghidtlek li l-bennej gibtu inti. Bhal ma qalek il-perit ukoll, m` ghidtlek xejn hazin sa fejn naf jien Bob. Issa ma nafx forsi nftehmt hazin."

Li kieku kienet l-intenzjoni tal-intimat illi l-ammont dovut lir-rikorrent kellu jitnaqqas mill-kont finali dovut lill-kjamat in kawża ma kienx jitlob li jingħata kopja tal-istima, u wisq anqas ma kien jammetti diversi drabi illi kien ser iħallas dak li hu dovut lir-rikorrent mingħajr ma jżid jgħid (jew jikteb tramite messaġġi) illi tali ammont kellu jitnaqqas.

Għalhekk il-preponderanza tal-provi juru illi l-prestazzjoni tal-ewwel biċċa xogħol mir-rikorrent kienet in eżekuzzjoni ta' appalt mogħti lilu mill-intimat.

37. Fir-rigward tat-tieni biċċa xogħol imwettqa mir-rikorrent, ossia ta' €1,500 eskluż il-VAT, il-provi huma bil-wisq iżjed ċar fis-sens illi fejn għall-ewwel biċċa xogħol il-kjamat in kawża kien avviċina lir-rikorrent hu u laqqgħu mal-intimat, għat-tieni biċċa xogħol kien l-intimat innifsu li avviċina direttament lill-istess rikorrent sabiex jaqlalu filati tal-ġebel u jagħmilha tal-konkos (sabiex is-saqaf jkollu l-qlib) u l-istima ingħatat direttament mir-rikorrent lill-istess intimat. Għalhekk l-prestazzjoni ta' din it-tieni biċċa xogħol kienet ukoll in eżekuzzjoni ta' appalt mogħti lir-rikorrent mill-intimat.

38. Huwa ukoll ferm indikattiv dak li stqarr l-intimat stess fl-*affidavit* tiegħu fis-sens illi *"ix-xogħol li għamel Pace għandu jiġi mħallas minn Mamo għaliex kien hu li m'għamilx ix-xogħol sew u kif suppost mill-ewwel".* Hawnhekk l-intimat mhux qed jgħid illi Pace għandu jitħallas minn Mamo **għaliex kien Mamo li qabbad lil Pace** iżda għaliex skont hu, Pace daħal fix-xena biex jirranġa dak li għamel ħażin Mamo. Tali dikjarazzjoni tbiddel kompletament l-asserzjoni tal-intimat li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnu u bejn ir-rikorrent u li huwa l-kjamat in kawża li għandu jirrispondi għall-azzjoni tar-rikorrent. Ir-rikorrent ma għandu x'jaqsam xejn ma' dak li seta' ġara jew ma ġarax fl-eżekuzzjoni tal-ftehim oriġinali ta' bejn l-intimat u l-kjamat in kawża. Jekk xejn l-intimat seta' jkollu dritt ta' rivalsa fil-konfront tal-kjamat in kawża għad-danni sofferti konsistenti fl-ammonti li jkollu jħallas lir-rikorrent iżda ma jistax jippretendi li r-rikorrent jagħmillu dan ix-xogħol hu billi jiġri wara l-kjamat in kawża sabiex jiġbor flusu.

**Kunsiderazzjoni: l-ammont dovut lir-rikorrent**

39. Ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-prezz tax-xogħol li wettaq ir-rikorrent. Anzi, l-perit tal-intimat stess iċċertifika fl-ittra tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2018.[45] illi x-xogħolijiet saru *"at a cost of €4,800 excluding VAT".*

40. Issa ladarba l-appalt kien jirrigwarda intrapriża li għandha x'taqsam ma' żvilupp ta' mmobbli u bini u huwa għaldaqstant att ta' natura kummerċjali.[46] (indipendentement minn jekk l-appalt sarx għal skop ta' kummerċ), dak iġib miegħu l-effett li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni ta' ħlas da parti tal-intimat jnissel awtomatikament il-mixi tal-imgħax b'seħħ minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi eżegwita.[47]. Ma ġiex ikkuntestat mill-intimat dak li ddikjara r-rikorrent fl-affidavit tiegħu illi l-ewwel biċċa xogħol saret u ġiet kompletata f'Novembru 2018 u li t-tieni biċċa xogħol tlestiet fi ftit ġranet ftit wara li ġiet kompletata l-ewwel biċċa xogħol. Imbagħad l-ittra tal-Perit Spiteri fejn iċċertifika illi r-rikorrent wettaq ix-xogħolijiet iġġorr id-data tat-18 ta' Diċembru 2018. Il-Qorti sejra għalhekk tqis din id-data bħala dik li toffri l-iktar ċertezza dwar iż-żmien meta l-obbligazzjoni tal-intimat għall-ħlas kellha tiġi eżegwita.

**Deċiżjoni**

41. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża, tilqà t-talbiet tar-rikorrent u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat b'dan illi tikkundanna lill-istess intimat sabiex**

[45] Fol 2
[46] Kap. 13, Art. 3(g) u (h)
[47] Kap. 16, Art. 1141(1)

**iħallas s-somma ta' ħamest elef sitt mija u erba' u sittin euro (€5,664) inkluż il-VAT rappreżentanti prezz ta' xogħol ta' bini mwettaq fil-maħżen tiegħu mir-rikorrent. Bl-imgħax legali dekoribbli mit-18 ta' Diċembru 2018 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż.[48] kollha kontra l-istess intimat.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace

Maġistrat | Dep Reġistratur

[48] Il-Qorti kellha tieħu *judicial notice* tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru uffiċjali 1760/2019 (mis-sistema tal-*ecourts)* li ġie ippreżentat kontestwalment mar-rikors promotur (u li tiegħu r-rikorrent talab l-ispejjeż) stante illi ma tressqet l-ebda prova tiegħu mir-rikorrent. Il-Qorti tħoss però illi kien ikun ferm aħjar illi kieku kopja ta' dan l-att ġie esebit mir-rikorrent waqt il-kawża ġaladarba suppost kellu l-kompitu u l-oneru li jressaq l-aħjar provi li jista' jġib inkluż fir-rigward tal-ispejjeż mitluba.